**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 29 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 88/2015 AF**

**Carmel Gatt, Joseph Farrugia u Michael Attard**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta u b'digriet fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tissejjah fil-kawza s-socjetà "Engineering Resources Limited"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Carmel Gatt, Joseph Farrugia u Michael Attard li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti huma kollha haddiema mpjegati tas-socjetà intimata, liema haddiema ma' ohrajn kellhom proceduri penali kontra taghhom.  L-istess esponenti gew lliberati minn kull

akkuza li kienet addebitata lilhom permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Inferjuri].

Minkejja dan, il-Korporazzjoni intimata bdiet proceduri ta' dixxiplina kontra l-esponenti liema proceduri llum jinsabu sospizi wara li l-Bord ta' Dixxiplina kif kompost ddecieda li ma jilqax eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni sollevata u jhalli l-istess decizjoni tinghata wara li jkun sema' l-mertu.

Ir-regolamenti tal-Bord ta' Dixxiplina huma msejsa fuq Ftehim Kollettiv bejn il-haddiema, bhal l-esponenti, u l-intimati, fejn fost ohrajn klawsola 9.1.5 tal-istess ftehim tghid hekk:-

> *"id-dritt ta' kull klejm mill-Korporazzjoni kontra impjegat **jista'** jintilef wara li tghaddi sena [1] minn meta l-offiza tkun twasslet ghall-attenzjoni tal-Management, sakemm l-akkuza imsemmija ma tmurx kontra l-ligijiet ta' Malta."*

Il-kaz tar-rikorrenti kien imur lura ghad-19 ta' Settembru 2006 u ghalhekk indubjament li l-azzjoni ta' dixxiplina nonostante dak li ddecieda l-Bord ta' Dixxiplina hija legalment preskritta izda però minhabba d-dicitura imsemmija li tghid **jista'**, l-kwistjonijiet ta' preskrizzjoni huma diskrezzjonali ghal Bord [kif sehh f'dawn il-proceduri].

Ir-rikorrenti jikkontendu li d-dicitura uzata 'jista' li jirrendi l-istitut tal-preskrizzjoni diskrezzjonali ghal Bord jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu azzjoni jew hija preskritta jew le u mhux korrett u anqas ma' wiehed ma' jista jircievi 'fair trial' jekk ikollu kaz kontra tieghu preskritt, izda ghaliex il-Bord jista' jaghzel, jigi deciz li l-kaz xorta wahda ghandu jitkompla. Huwa ghalhekk car ghar-rikorrenti li dina l-klawsola tal-ftehim kollettiv anke tmur kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Biex il-kwistjoni tkompli tkun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti anke l-istess komposizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina hija wahda li hija kontra l-istess disposizzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija u dana peress li l-membri huma mhallsa minn l-istess korporazzjoni intimata u l-Bord ta' Dixxiplina huwa kompost

minn persuni li jircievu l-hlas minn l-istess Koporazzjoni li tkun qed thallashom b'mod li l-operat huwa wiehed li jitfa' dubji kbar dwar l-imparzjalità tal-istess Bord ta' Dixxiplina fi hdan l-intimati. Anke ghalhekk l-agirtal-intimati imur kontra dak li hemm provdut fl-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-klawsola li tirregola l-istitut tal-preskrizzjoni fil-Ftehim Kollettiv imhaddan u uzat mill-Korporazzjoni intimata fi klawsola 9.1.5 fejn it-terminu ta' sena preskrizzjoni huwa diskrezzjonali ghall-Bord ta' Dixxiplina jmur kontra dak provdut fl-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tiddikjara li l-mod kif jigi kompost u l-operat tal-Bord ta' Dixxiplina inkwantu t-trasparenza u indipendenza tieghu ukoll imur kontra dak li jipprovdu l-istess artikolu tal-Ligi msemmija f'talba numru wiehed [1].

3. Taghti kull rimedju opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Engineering Resources Limited (C-65835) li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-ewwel lok jiġi rilevat li l-Korporazzjoni Enemalta, intimata f'din il-kawża, waqfet teżisti bħala persuna ġuridika separata għall-finijiet legali qabel ma ġie ntavolat ir-rikors li għalih qedgħa issir din it-tweġiba, u dan bis-saħħa tal-Att Dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, Kapitolu 536 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Artikolu 3 subinċiż (3)(a).

Artikolu 4 subinċiż (2) tal-istess Att ċitat aktar 'il fuq, jistipula ulterjorment li s-soċjetà esponenti Engineering Resources Limited għandha tieħu l-jeddijiet u l-obbligi kollha li l-Korporazzjoni Enemalta kellha lejn l-impjegati qabel it-trasferiment tal-impjegati bis-saħħa ta' dan l-artikolu.

Għalhekk in linea preliminari l-kawża odjerna, in kwantu diretta kontra l-Korporazzjoni EneMalta hija irrita, nulla u mingħajr effett legali billi hija istitwita kontra intimata li m'għandhiex teżisti.

Ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetà esponenti ma kissret ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti u l-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti mhumiex fdati lis-soċjetà esponenti, u dan għaliex l-istess soċjetà esponenti mhix f'posizzjoni li twieġeb u tirrimedja għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Għalhekk, l-esponenti mhix il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri in kwantu mhijiex il-garanti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; liema dmir għandu se mai jiġi eżerċitat mill-istat u minħabba f'hekk is-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors promotur ġie ntavolat intempestivament stante illi sal-mument li l-imsemmi rikors ġie ntavolat, ir-rikorrenti ma sofrew ebda preġudizzju bbażat fuq il-pretenzjonijiet miġjuba mill-istess rikorrenti u għalhekk, anke għal din ir-raġuni, is-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

In konnessjoni mal-paragrafu preċedenti l-azzjoni odjerna hija intempestiva wkoll għaliex jekk fl-agħar ipotesi l-impjieg tar-rikorrenti jiġi tterminat wara s-smigħ ta' dixxiplina, r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz tat-Tribunal Industrijali, liema Tribunal għandu s-setgħa jiddetermina jekk l-impjieg tar-rikorrenti ġiex itterminat għal kawża ġusta u suffiċċjenti fil-liġi u mit-Tribunal ir-rikorrenti għandhom dritt ta' appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk semmai, r-rikorrenti imisshom jeżawrixxu r-rimedji ordinarji qabel ma jirrikorru għar-rimedju, straordinarju kostituzzjonali (Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem mhumiex applikabbli billi l-Kumitat tad-Dixxiplina mhuwiex Awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċizjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili; u għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost skont il-klawsola 9.1.5 tal-Ftehim Kollettiv, iż-żmien effettiv ta' sena "jista jintilef wara li tgħaddi sena minn meta l-offiża tkun twasslet għall-attenzjoni tal-Management, sakemm l-offiża imsemmija ma tmurx kontra l-liġijiet ta' Malta."  Dan ifisser żewġ affarijiet (i) li ż-zmien effettiv ta' sena ma tiddekorrix jekk si tratta dwar offiża li tmur kontra l-Liġijiet ta' Malta - li huwa appuntu l-każ odjern peress lir-rikorrenti ġew akkużati b'reat kriminali, u (ii) il-kelma 'jista' ma tfissirx dak li qegħdin jisottomettu r-rikorrenti fil-paragrafu ħamsa tar-rikors promotur iżda tfisser li d-dritt 'jista' japplika jew ma japplikax skont ma dak li jirriżulta lill-Kumitat tad-Dixxiplina fiċ-ċirkostanzi tal-każ miġjub quddiemu, bħal meta eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma quddiem Qorti <u>tista</u>' tiġi milqugħa daqs kemm <u>tista</u>' tiġi miċħuda skont il-fatti u ċirkostanzi li jirrizultaw lill-Qorti f'dak il-każ.

In oltre r-rikorrenti jilmentaw dwar l-imparzjalità tal-membri tal-Kumitat tad-Dixxiplina, u fuq dan il-punt is-soċjetà esponenti ssostni li l-fatt li l-membri tal-Kumitat tad-Dixxiplina huma mħallsa mill-istess soċjetà, dan l-fatt waħdu mhuwiex bizzejjed biex jinpinġi fuq l-imparzjalità tal-membri tal-Kumitat. Apparti hekk dan l-istess Kumitat tad-Dixxiplina ġie maħtur bi qbil mal-*Union* koncernata hekk kif miftiehem skont Appendiċi A, Klawsola 5.2 tal-Ftehim Kollettiv filwaqt li l-istess Kumitat tad-Dixxiplina ilu jopera għal kwazi sentejn fejn sema' u ddeċieda imparzjalment fuq diversi każijiet.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, is-soċjetà esponenti tisottometti li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u bħala tali ma jistgħux iriġġu.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota konġuntiva tat-12 ta’ Mejju 2015 li permezz tagħha (i) Engineering Resources Limited ddikjarat illi hija ma kienitx qegħda topponi li tiġi msejħa fil-kawża b’dan illi r-risposta intavolata minnha għandha tibqa’ tgħodd u tkun it-tweġiba tagħha għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti f’din il-kawża u (ii) ir-rikorrenti ċedew l-atti tal-kawża kontra l-Korporazzjoni Enemalta.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta’ Mejju 2015 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà Engineering Resources Limited.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Engineering Resources Limited illi:

Is-soċjetà esponenti ma kissret ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti mhumiex fdati lis-soċjetà esponenti, u dan għaliex l-istess soċjetà esponenti mhix f’posizzjoni li twieġeb u tirrimedja għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Għalhekk, l-esponenti mhix il-leġittima kontradittriċi f’dawn il-proċeduri in kwantu li mhijiex il-garanti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; liema dmir għandu se mai jiġi eżerċitat mill-Istat u minħabba f’hekk is-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors promotur ġie ntavolat intempestivament, stante illi sal-mument li l-imsemmi rikors ġie ntavolat, ir-rikorrenti ma sofrew ebda preġudizzju bbażat fuq il-pretenzjonijiet miġjuba mill-istess rikorrenti u għalhekk, anke għal din ir-raġuni, is-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

In konnessjoni mal-paragrafu preċedenti l-azzjoni odjerna hija intempestiva wkoll għaliex jekk fl-agħar ipotesi l-impjieg tar-rikorrenti jiġi tterminat wara s-smigħ ta’ dixxiplina, r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju ai termini tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, permezz tat-Tribunal Industrijali, liema Tribunal għandu s-setgħa jiddetermina jekk l-impjieg tar-rikorrenti ġiex itterminat għal kawża ġusta u suffiċċjenti fil-liġi

u mit-Tribunal ir-rikorrenti għandhom dritt ta' appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk se mai, r-rikorrenti imisshom jeżawrixxu r-rimedji ordinarji qabel ma jirrikorru għar-rimedju straordinarju kostituzzjonali (Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem mhumiex applikabbli billi fl-ewwel lok il-Kumitat tad-Dixxiplina mhuwiex Awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili u għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost skont il-klawsola 9.1.5 tal-Ftehim Kollettiv rilevanti, ż-żmien effettiv ta' sena "jista' jintilef wara li tgħaddi sena minn meta l-offiża tkun twasslet għall-attenzjoni tal-Management, sakemm l-offiża imsemmija ma tmurx kontra l-Liġijiet ta' Malta". Dan ifisser żewġ affarijiet (i) li ż-żmien effettiv ta' sena ma jiddekorrix jekk si tratta dwar offiża li tmur kontra l-Liġijiet ta' Malta – li huwa appuntu l-każ odjern peress lir-rikorrenti ġew akkużati b'reat kriminali, u (ii) il-kelma 'jista' ma tfissirx dak li qegħdin jisottomettu r-rikorrenti fil-paragrafu ħamsa tar-rikors promotur iżda tfisser li d-dritt 'jista' japplika jew ma japplikax skont ma dak li jirriżulta lill-Kumitat tad-Dixxiplina fiċ-ċirkostanzi tal-każ miġjub quddiemu, bħal meta eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma quddiem Qorti <u>tista</u>' tiġi milqugħa daqs kemm <u>tista</u>' tiġi miċħuda skont il-fatti u ċirkostanzi li jirriżultaw lill-Qorti f'dak il-każ.

In oltre r-rikorrenti jilmentaw dwar l-imparzjalità tal-membri tal-Kumitat tad-Dixxiplina, u fuq dan il-punt is-soċjetà esponenti ssostni li l-fatt li l-membri tal-Kumitat tad-Dixxiplina huma mħallsa mill-istess soċjetà, dan il-fatt waħdu mhuwiex biżżejjed biex jinpinġi fuq l-imparzjalità tal-membri tal-Kumitat. Apparti hekk dan l-istess Kumitat tad-Dixxiplina ġie maħtur bi qbil mal-Unjin konċernata hekk kif miftiehem skont Appendiċi A, Klawsola 5.2 tal-Ftehim Kollettiv filwaqt li l-istess Kumitat

tad-Dixxiplina ilu jopera għal kważi sentejn fejn sema' u ddeċieda imprazjalment fuq diversi każijiet.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, is-soċjeta' esponenti titlob li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u bħala tali ma jistgħux iriġġu.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-proċeduri quddiem il-Kumitat tad-Dixxiplina, regolat mill-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers' Union, għaliex jgħidu li l-mod kif hija regolata l-preskrizzjoni kif ukoll il-komposizzjoni u operat ta' dan il-Kumitat jilledu d-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Huma qegħdin jitolbu wkoll lil din il-Qorti tagħti kull rimedju opportun.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll impjegati ta' Engineering Resources Limited. Fid-19 ta' Settembru 2006 il-pulizija interċettaw żewġ *bowsers* fil-viċinanzi tal-installazzjoni ta' Ħas Saptan. Mill-investigazzjonijiet tagħhom irriżulta li kien qiegħed jinsteraq il-*fuel* minn din il-faċilità u wara li r-rikorrenti rrilaxxaw stqarrija fejn ammettew l-involviment tagħhom, ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra tagħhom għas-serq ta' *fuel* għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2011, ir-rikorrenti kienu ġew misjuba ħatja ta' serq ta' *fuel* mill-Fuel Storage Installation ta' Ħas-Saptan. Huma appellaw minn din id-deċiżjoni u

permezz ta' sentenza datata 12 ta' Settembru 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali lliberathom minn kull akkuża wara li sabet illi l-istqarrijiet rilaxxati mir-rikorrenti ma seta' jkollhom l-ebda influwenza, diretta jew indiretta fuq l-eżitu tal-proċeduri kriminali.

Il-Korporazzjoni Enemalta istitwiet proċeduri dixxiplinari kontra r-rikorrenti a tenur tal-ftehim kollettiv in vigore dak iż-żmien. Fuq talba tar-rikorrenti, dawn il-proċeduri ġew sospiżi sakemm gew decizi finalment il-proceduri kriminali fil-konfront taghhom. Fuq insistenza tar-rikorrenti, il-proċeduri ta' dixxiplina komplew fis-sena 2014 u huma ġew mitluba jersqu quddiem il-Kumitat tad-Dixxiplina. Ir-rikorrenti ilhom sospiżi mix-xogħol minn dakinhar tas-26 ta' Settembru 2006.

Skont l-imsemmi ftehim kolletiv, impjegati huma soġġetti għal azzjoni dixxiplinari, inkluż tkeċċija mis-servizz tal-Korporazzjoni, għal offiżi li jistħoqqilhom azzjoni ta' din ix-xorta.[1] Dwar din l-azzjoni, il-ftehim kollettiv ikompli billi jgħid li d-dritt ta' kull *claim* mill-Korporazzjoni kontra impjegat jista' jintilef wara li tgħaddi sena minn meta l-offiża tkun twasslet għall-attenzjoni tal-maniġment, sakemm l-offiża msemmija ma tmurx kontra l-Liġijiet ta' Malta.[2]

Parti integrali mill-ftehim kollettiv huwa l-Kodiċi ta' Dixxiplina u Proċedura Dixxiplinari. Dan jistabbilixxi l-Kumitat tad-Dixxiplina li għandu jinvestiga każijiet ta' offiżi gravi referiti lilu.[3] Dan il-Kumitat huwa kompost minn *Chairman* u żewġ membri maħtura kif ġej:

i. Iċ-*Chairman* tal-Kumitat magħżul minn panel ta' persuni li jgawdu l-fiduċja tal-Union; u
ii. Iż-żewġ membri l-oħra għandhom jinħatru wieħed miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni u ieħor mill-Union.[4]

---

[1] Artikolu 9.1.3

[2] Artikolu 9.1.5

[3] Artikolu 5 tal-Appendiċi A

[4] Artikolu 5.2 tal-Appendiċi A

Meta jintemmu l-proċeduri, il-Kumitat għandu jikkomunika l-konklużjonijiet liċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni, illum Enemalta plc, u lill-impjegat. Dan għandu jinkludi (i) dikjarazzjoni jekk, fil-fehma tal-Kumitat, l-impjegat mixli kienx jew le kkommetta l-offiża jew offiżi mixli bihom u dikjarazzjoni qasira bir-raġunijiet ta' dik il-fehma u (ii) dettalji ta' xi materji li fil-fehma tal-Kumitat jaggravaw jew jimmitigaw il-każ.[5] Mhux kontestat illi l-membri ta' dan il-Kumitat jiġu mħallsa mill-Enemalta.

Iċ-*Chairman* għandu jikkunsidra dak li sab il-Kumitat, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat u kull rappreżentanza oħra magħmula skont ir-regoli ta' proċedura u għandu jiddeċiedi jekk l-impjegat mixli hux ħati jew le u liema kastig għandu jingħata. Jekk iċ-*Chairmain* jiddeċiedi li l-offiża kienet ippruvata u li kastig, iżda mhux tkeċċija, hu mistħoqq, hu għandu jiddeċiedi liema kastig għandu jingħata. Jekk iċ-*Chairman* jiddeċiedi li l-offiża kienet ippruvata u li tistħoqq it-tkeċċija, il-materja għandha tkun riferita lill-Bord tad-Diretturi tal-Enemalta għall- konsiderazzjoni u deċiżjoni. Il-Bord għandu jikkunsidra l-każ u għandu jagħti opportunità lill-impjegat mixli biex jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-fomm. Wara li jikkunsidra l-fatti tal-każ, dak li jkun sab il-Kumitat, id-deċiżjoni tac-*Chairman* u kull rappreżentanza magħmula lilu, il-Bord għandu jiddeċiedi jekk jikkonfermax id-deċiżjoni li l-impjegat jitkeċċa jew jekk jagħtix xi kastig inqas.[6]

Quddiem il-Kumitat ta' Dixxiplina, ir-rikorrenti eċċepew il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 9.1.5 tal-ftehim kollettiv. Fis-17 ta' Lulju 2014, il-Kumitat iddeċieda din l-eċċezzjoni billi ddikjara li kien ser jippronunzja ruħu dwar il-preskrizzjoni fi stadju ulterjuri.

Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant, ressqu rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn talbu lit-Tribunal jiddikjara li kull azzjoni ta' dixxiplina kontrihom mill-Korporazzjoni Enemalta hija preskritta bit-terminu ta' sena u/jew jagħti kull provvediment opportun fiċ-ċirkostanzi. Permezz ta' deċiżjoni datata 16 ta'

[5] Artikolu 5.7 tal-Appendiċi A

[6] Artikolu 5.8 tal-Appendiċi A

Ġunju 2015, it-Tribunal iddikjara lilu nnifsu inkompeteni *rationae materiae* li jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi t-talba tagħhom. Ir-rikorrenti imbagħad intavolaw dawn il-proċeduri kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq.

L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Qiegħed jiġi invokat ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

L-imsejħa fil-kawża ressqet żewġ risposta għat-talbiet tar-rikorrenti. Dawn huma effettivament identiċi ħlief għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel eċċezzjoni tal-ewwel risposta fejn l-intimata eċċepiet illi l-kawża hija irrita, nulla u mingħajr effett fil-liġi stante li ġiet istitwita kontra intimata li m'għadhiex teżisti. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata in kwantu li r-rikorrenti ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti tqis illi jkun opportun li tibda billi tqis l-eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża fis-sens li l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli billi l-Kumitat tad-Dixxiplina mhuwiex awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili.

Dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni għall-każ, l-imsejħa fil-kawża għandha raġun. Dan l-artikolu jitkellem dwar Qorti jew awtorità ġudikanti oħra mwaqqfa b'liġi. Il-Kumitat tad-Dixxiplina mertu ta' dawn il-proċeduri ma jaqa' taħt l-ebda kategorija għaliex la huwa Qorti u lanqas huwa mwaqqaf b'liġi imma permezz ta' ftehim kollettiv.

L-Artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea jitkellem dwar 'id-determinazzjoni' tad-drittijiet u obbligi ċivili. Kif josserva Tonio Borg fil-ktieb tiegħu 'A Commentary on the Constitution of Malta' (paġna 156):

> "*The Constitution and the Convention require that there be a dispute or a determination of a civil right or obligation. Consequently, commissions or committees which merely give recommendations or advice, even if on important matters such as the revocation of citizenship are not deciding or determining any right.*"

Fil-kawża tal-lum, il-Kumitat ma jistax jitqies li qiegħed jiddetermina l-ebda dritt jew obbligu ċivili tar-rikorrenti għaliex mhuwiex il-Kumitat jew il-membri tiegħu li ser jiddeċiedu dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti. Skont il-ftehim kollettiv, huwa ċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni, illum Enemalta plc, li għandu jiddeċiedi jekk ir-rikorrenti humiex ħatja jew le tal-offiżi li ġew mixlija bihom u mhux il-Kumitat. Il-Kumitat jista' biss jinvestiga u mhux jiddeċiedi l-każ u ċ-*Chairman* mhuwiex marbut bil-konklużjonijiet tiegħu.

Fil-kawża ta' Fayed v United Kingdom, deċiża mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Settembru 1990, liema kawza kienet tirrigwarda investigazzjoni ta' kumpannija fuq suspett ta' frodi.

Intqal hekk:

> "*However, the Court is satisfied that the functions performed by the Inspectors were, in practice as well as in theory, essentially investigative (see the similar analysis by the Supreme Court of the United States of America of the function of the Federal Civil Rights Commission in the case of Hannah v. Larche (363 US 420 (1960)). The Inspectors did not adjudicate, either in form or in substance. They themselves said in their report that their findings would not be dispositive of anything (see paragraph 21 above). They did not make a legal determination as to criminal or civil liability concerning the Fayed brothers, and in particular concerning the latter's civil right to honour and reputation. The purpose of their inquiry was to ascertain and record facts which might subsequently be used as the basis for action by other competent authorities - prosecuting, regulatory, disciplinary or even legislative.*"

Il-ftehim kollettiv ma jagħtix setgħa lill-Kumitat sabiex jieħu deċiżjonijiet finali dwar drittijiet jew obbligi ċivili jew akkużi kriminali. Il-funzjonijiet tiegħu huma li jagħmel stħarriġ dwar il-każ u li jagħmel rakkomandazzjonijiet liċ-*Chairman* u xejn aktar. Isegwi għalhekk illi l-operat ta' dan il-Kumitat ma jaqax fl-ambitu tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Mustefa Al Muhamed vs Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et tal-24 ta' Frar 2012 u Antoine Tagliaferro et vs Onor. Prim Ministru tal-21 ta' Frar 1996. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża hija mistħoqqa.

Ladarba din il-Qorti qiegħda ssib illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni invokati mir-rikorrenti ma jsibux applikazzjoni fil-kawża tal-lum, mhux meħtieġ illi din il-Qorti tinvesti l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' r-raba' eċċezzjoni tar-risposta ulterjuri tal-imsejħa fil-kawża li l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli għall-każ u konsegwentment, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG